MALTA

# QORTI TAL-MAGISTRATI (MALTA)
# BHALA QORTI TA' GUDIKATURA KRIMINALI

**MAGISTRAT DR.**
**SAVIOUR DEMICOLI**

Seduta tas-17 ta' Marzu, 2008

Numru 1004/2005

**Il-Pulizija**
**(Spettur Mario Tonna)**

**vs**

**Mario Zammit**

Il-Qorti,

Rat l-imputazzjoni li permezz taghha Mario Zammit ta' 39 sena mwieled Birkirkara nhar it-22 ta' Ottubru 1966 bin Anthony u Maria Concetta nee' Azzopardi residenti 'Corners' 268 flat 2 Triq il-Kanun Sta. Venera detentur ta' Karta tal-identita Nru. 461166M gie akkuzat:

Talli fi granet differenti fix-xahar ta’ Lulju 2005 gewwa Swieqi bhala ufficjal jew impjegat f’ amministrazzjoni pubblika, u jew impjegat mal-Gvern jew tal-Gvern, sew jekk kellu jedd jew ma kellux jedd li jesigi flus jew hwejjeg ohra bhala salarju tad-dmirijiet tieghu, jew akkont tal-gvern jew ta’ stabbiliment pubbliku illi taht il-libsa tal-kariga tieghu, esiga dak li il-ligi ma tippermettiex, jew izjed minn dak li tippermetti l-ligi waqt li kien qed jamministra xoghol ta’ provediment ta’ servizz tal-Ilma f’ isem il-‘Water services corporation’ gewwa triq il-Qatta Swieqi u dan ai terminu tal-artikolu 112 tal-Kapitolu 9 tal-Ligijiet ta’ Malta.;

Semghet provi.

Rat l-atti u d-dokumenti esebiti.

Rat il-Kunsens ta’ l-Avukat Generali esebit bhala Dok MT 3 u nnutat li l-imputat Mario Zammit m’ ghandux oggezzjoni li l-kaz tieghu jigi trattat bi procedura sommarja.

Semghet trattazzjoni mill-Prosekuzzjoni u mid-Difiza.

Din kawza tirrigwarda reat allegatament kommess mill-imputat Mario Zammit fi granet differenti fix-xahar ta’ Lulju 2005 gewwa Swieqi liema reat hu kkontemplat fl-artikolu 112 tal-Kapitolu 9 tal-Ligijiet ta’ Malta.

Il-Qorti hi tal-fehma li din il-kawza hi ippernjata fuq kwistjoni ta’ kredibilita’ ta’ xhieda.

Issa fil-kawza in disamina il-versjoni moghtija mill-imputat Mario Zammit hi konfliggenti mal-versjoni moghtija mix-xhud Keith Mangion. Ghaldaqstant il-Qorti trid tiddeciedi jekk kienx hemm dak il-konflitt ta’ provi li a bazi tieghu ghandha necessarjament tasal ghall-konkluzzjoni li kien hemm dubju ragjonevoli dwar jekk il-prosekuzzjoni kinitx ippruvat il-kaz taghha ossia l-htija ta’ l-imputat skond l-imputazzjoni migjuba kontra tieghu.

Il-Qorti ghandha l-kompitu li tara jekk l-assjem tal-provi prodotti hu tali li a bazi tieghu hi tista’ ragjonevolment u b’

konvinciment morali trankwil ghall-ahhar tasal ghall-konkluzzjoni li ma temminx dak li qieghed isostni l-imputat u ssib li l-provi jwasslu inekwivokabilment ghall-htija ta’ l-imputat.

Hawn il-Qorti taghmel referenza ghas-Sentenza tal-Qorti ta’ l-Appell Kriminali (Sede Inferjuri) fl-ismijiet: “Il-Pulizija versus Salvu Pullicino” per Onor. Imhallef W. Harding datata 14 ta’ Marzu, 1949 fejn dik il-Qorti riteniet illi id-diportiment tax-xhieda waqt id-deposizzjoni taghhom huwa fattur importanti biex il-Qorti taghti l-kredibilita’ taghha favur il-versjoni ta’ parti wahda jew l-ohra meta jkun hemm konflitt ta’ provi.

F’ dan l-istadju il-Qorti taghmel referenza ghal-bran mid-deposizzjoni tax-xhud Keith Mangion moghtija fis-seduta tal-14 ta’ Novembru, 2006 fejn dan ix-xhud, inter alia, qal: “Ghad-data li imbaghad huma kellhom jigu jien ghamilt l-arrangamenti li ma jkunx hemm karozzi biex dawn il-haddiema jkunu jistghu jahdmu u stante li kien hemm procedura illi jekk ikun hemm certu distanza biex dan jigi stallat il-meter ikun hemm hlas extra u dan fis-sens li ahna konna gejna infurmati li jekk jinqabez certu tul dan ikun hemm hlas extra.  Dan id-diskors kien qaluli l-imputat Mario Zammit li qed naghrfu prezenti fl-Awla.  <u>Nghid illi dan l-istess imputat lili kien avvicinani wahdu u kien qalli li jekk irrid jien ma kienx hemm ghalhfejn li ninfurmaw lill-kumpanija Water Services Corporation u setgha hu jirrangalna hu, fis-sens li ahna nirrangaw mieghu u mhux mal-kumpanija Water Services Corporation.</u>  Jien ghall-ewwel ghidtlu li l-imghallem tieghi ma kienx sejjer jaccetta pero’ nghid illi jien l-imghallem tieghi xorta ghidtlu b’ din il-proposta li ghamel l-imputat.  Lili l-imputat ma kienx semmieli ammonti, li qalli kien li stajna nirrangaw.  Nghid illi r-risposta ta’ l-imghallem tieghi ghal dak propost mill-imputat kienet illi m’ accettax.” (Sottolinjar tal-Qorti)

In kontro-ezami l-istess xhud Keith Mangion fl-istess seduta, inter alia, qal: “Nghid illi lili l-imputat kien appartani ghalina wehidna u lili qalli li peress li kien hemm certu tul u ghalhekk irid ikun hemm hlas ghal Water Services Corporation lili qalli l-imputat li kien jithallas xi haga extra

u kien jirrangali hu u ma ndahhlux fin-nofs il-Water Services. Il-kliem ezatt li lili qalli u nerga’ nirrepeti, x’ qalli l-imputat kien illi “siehbi, hemm hlas zejjed rigward it-tul, trid nirrangaw bejnietna u ma ndahhlux il-kumpanija fin-nofs?” b’ referenza ghal Water Services. Nghid u nikkonferma bil-gurament tieghi illi dan id-diskors lili l-imputat qaluli direttament. Jien lill-imputat mill-ewwel ghidtlu li l-imghallem tieghi mhux ser jaccetta u l-imputat spicca biex ma qallix ammonti.” (Sottolinjar tal-Qorti)

Hawn il-Qorti taghmel referenza ghal bran mid-deposizzjoni ta’ Adrian Mifsud li fis-seduta tal-20 ta’ Frar, 2007, inter alia, qal: “Jien ma mortx narahom fil-garaxx. U jiena baghat ghal rapprezentant tieghi ghal Keith Mangion peress li huwa f’ din il-materja jaf iktar minni mar hu. Wara xi ftit hin gie lura dana r-rapprezentant tieghi ghandi u qalli li dawna iridu xi flus ghaliex hemm il’ boghod minn fejn ha jaghmlu l-connection. Ir-risposta tieghi kienet li jien ma nhallsu xejn.” (Sottolinjar tal-Qorti)

Hawn il-Qorti taghmel referenza ghas-segwenti bran mill-Istqarrija tal-imputat, liema Stqarrija hi esebita bhala Dok MT 4:
“M. Ara nghidlekx sewwa li lill-dan l-impjegat ta’ Mifsud inti tlabtu flejjes ghalik minhabba dan ix-xoghol?
T. Le jiena ma tlabtu xejn ghalija imma ghidltu li jistgha jkun jiccargjawh aktar min-normal minhabb ali kien hemm it-tul tal-trinek sabiex naslu ghas-servizz.”

Taghmel ukol referenza ghal bran mid-deposizzjoni tal-imputat moghtija fis-Seduta tat-18 ta’ Gunju, 2007 fejn l-imputat, inter alia, qal: Qed nigi mistoqsi b’ referenza ghal brani mid-deposizzjoni tax-xhud Keith Mangion fejn dana inter alia qal is-segwenti *“Nghid illi dan l-istess imputat lili kien avvicinani wahdu u kien qalli jekk irrid jien ma kienx hemm ghalfejn ninfurmaw il-Kumpanija Water Services Corporation u seta’ hu jirrangalna hu, fis-sens ahna nirrangaw mieghu u mhux mal-kumpanija Water Services Corporation.”* U wkoll minn bran iehor f’ dan il-kaz fil-kontro ezami qed jigi kwotat lili s-segwenti kliem *“siehbi hemm hlas zejjed rigward it-tul. Trid nirrangaw bejnietna*

*u ma ndahlux il-kumpanija fin-nofs".* Jiena nichad li ghidt dan il-kliem lill-impjegat tas-Sur Mifsud."

Taghmel ukoll referenza ghal bran mid-deposizzjoni tax-xhud Joseph Deguara li fid-deposizzjoni tieghu moghtija fis-Seduta tal-14 ta' Novembru, 2006, inter alia, qal: Nghid illi f' Lulju tas-sena 2005 jien kont impjegat bhala plumber mal-Water Services Corporation. Nikkonferma li f' dak ix-xahar kellna xi xoghol gewwa garaxx fis-Swieqi. Nghid illi x-xoghol li kelli, kien flimkien ma' Mario Zammit li qed naghrfu bhala l-imputat prezenti fl-Awla" "…………………." "Nghid illi fl-ebda mument ma rajt lill-imputat fil-hin li jien kont mieghu fuq dan ix-xoghol jigbed lil-lavrant f' genb biex ikellmu wahdu".

Mehuda in konsiderazzjoni il-versjonijiet konfliggenti bejn dik moghtija mix-xhud Keith Mangion u dik moghtija mill-imputat f' dak li xehdu, rigward liema deposizzjonijiet din il-Qorti kellha l-opportunita' tezamina id-diportiment tax-xhud Keith Mangion u dak tal-imputat u fid-dawl tal-kumpless tal-provi prodotti, il-Qorti hi tal-fehma li l-versjoni li taha ix-xhud Keith Mangion hi l-versjoni kredibbli. Jirrizulta mill-atti li dan ix-xhud mill-ewwel informa lill-imghallem tieghu Adrian Mifsud dwar dak suggerit mill-imputat.

Hawn il-Qorti taghmel refernza ghall-Dok MAM 1 li tinsab minn fol 32 sa fol 33 tal-Process (ittra mibghuta minn Adrian Mifsud lill-The Manager Water Services Corporation) u datata 9 ta' Awissu 2005 fejn, inter alia, jintqal: "Besides one of your staff member requested my assistant some kind of compensation for the trenches' length involved, to which he refused."

Fid-dawl tal-suespost il-Qorti hi tal-fehma li l-akkuza migjuba fil-konfront tal-imputat Mario Zammit tirrizulta sodisfacentement ippruvata.

Rat l-artikolu 112 tal-Kap 9 tal-Ligijiet ta' Malta.

Ghaldaqstant issib lill-imputat Mario Zammit hati tal-akkuza migjuba kontra tieghu u tenut kont ic-cirkostanzi

kollha tal-kaz inkluza il-fedina penali netta tal-imputat tillibera lill-imputat Mario Zammit taht il-provediment tal-artikolu 22 tal-Kap 446 tal-Ligijiet ta’ Malta bil-kundizzjoni li ma jaghmilx reat iehor fi zmien tlett (3) snin millum.

Finalment il-Qorti qed taghti lill-imputat Mario Zammit l-ispjegazzjoni preskritta fis-sub-artikolu 22(3) tal-Kap. 446 tal-Ligijiet ta’ Malta.

**< Sentenza Finali >**

--------------------------------TMIEM--------------------------------